MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
JOSEPH S. REFALO**

Seduta tas-17 ta' Marzu, 2006

Talba Numru. 834/2004

**Joseph u Sandra konjugi Cassar
vs
Lawrence u Melvin Castagna**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-16 ta' April, 2004, fejn intalab il-hlas ta' tlett mija u erbgha u tmenin lira Maltija u ghaxar centezmu (Lm384.10)u fejn intqal illi l-konvenuti diga gew ikkundannati mill-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli volontarjament hassru hwejjeg a detriment tal-atturi. Il-konvenuti qatt mghamlu tajjeb ghad-danni ikkawzati minnhom u minflok baqghu inadempjenti nonostante diversi interpellanzi mill-atturi.**
**Il-konvenuti huma minn issa ingunti in subizzjoni bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali.**

**Ra r-risposta tal-konvenuti prezentata fit-28 ta' April, 2004 fejn intqal illi fl-ewwel lok il-proceduri kriminali huma proceduri ghall kollox separati u mghandhomx konnessjoni mal-proceduri civili.**
**Illi il-konvenuti ma kienux unikament responsabbli ghall-incident in kwistjoni izda l-attur stess ikkontribwixxa ghall-istess.**
**Illi fit-tielet lok u minghajr pregudizzju ghas-suespost l-ammont pretiz hu esagerat.**

**Semgha x-xhieda ta' Joseph Cassar, Emanuel Micallef, Lawrence Castagna u Philip zammit. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz. Semgha t-trattazjoni da parti tad-difensuri.**

**Ikkunsidra :**
**1. din id-decizjoni hi limitata dwar l-ewwel eccezzjoni u cioe` li l-proceduri kriminali huma separati u mhux konnessi mal-proceduri civili.**
**2. Fil-kaz in ezami il-konvenuti, b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati tal-21 ta' Jannar, 2003 kienu instabu hatja li volontarjament hassru, ghamlu hsara jew gharrqu mobbli ghad-detriment tal-attur, kif ukoll illi ghamlu feriti ta' natura hafifa fuq il-persuna tal-attur.**
**3. Pero` ma hemmx dubbju li kif dejjem ritenut il-principji applikabbli fil-kamp kriminali huma differenti minn dawk tal-kamp civili. Id-decizjoni kriminali f'dan il-kaz jista' jkollha certu piz, pero` ma tistghax twassal lit-Tribunal biex awtomatikament jiddikjara lill-konvenut responsabbli u jillikwida d-danni.**

**Ghalhekk ghalkemm qed jilqa l-eccezzjoni sollevata limitatament fis-sens li l-proceduri kriminali huma separati minn dawk civili, ma hux qed jaqbel li d-decizjoni in kwistjoni ma ghandiex certu piz, fatt li jista jigi biss determinat fil-gudizzju finali, u ghalhekk qed jordna l-prosegwiment fil-meritu.**
**L-ispejjez ta' dina d-decizjoni preliminari huma riservati ghall-gudizzju finali.**

**< Sentenza In Parte >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------